# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 59*

***5.30p.m 20 t' April 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *59.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

59.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## *59.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

59.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 58. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

59.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li nhar is-Sibt 29 t'April fuq il-Pont San Tumas ser ikun hemm Festa Laħam organizzata mill-Biċċerija bis-sehem ta' diversi għaqdiet tal-lokal. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa qed jgħati s-sehem tiegħu wkoll f'din l-attivita' bit-tqassim ta' flyers u permessi bil-għan li dawn l-attivitajiet joffru spazju rikrejattiv lir-residenti tal-Marsa.

59.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li propju l-gimgħa l-oħra fil-Kunsill waslet community worker ġdida u li xogħola sr ikun propju t-tindif tal-Kunsill. Min issa l-quddiem it-tindif qed isir kuljum u diġa' qed tinħass id-differenza fil-post.

59.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li attwalment hemm bżonn jerġaw isiru diversi bankini fosthomk ta ħdejn il-White Stars fi Triq is-Sebħ. Wara diskussjoni fost dawn preżenti kien hemm qbil li l-bankini ta' Triq Qormi għandhom isiru kollha peress li hemm partijiet minnha fejn lanqas biss hemm bankina.

Il-Laqgħa ġiet sospiża sabiex il-Kunsill jkun jista' jagħmel laqgħa mall-Perit Dieter Falzon.

## *59.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

59.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar meta ser isiru r-road humps ta' Triq Zerafa u dik ta' Triq Isouard peress li din il-parti tat-triq hija perikoluża. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irid jimmarka eżattament fejn iridu jsiru dawn ir-road humps ma' Transport Malta u mmexxu fuqhom.

59.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm ħafna ħsara fi Triq il-Marsa ħdejn Gomez u hemm bżonn li din issir. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din it-triq hija waħda mit-toroq li ser issir min Infrastructure Malta. Apparti hekk Triq l-Irħam ukoll ser issir.

59.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li x-xogħol ta' resurfacing li sar fi Triq Balbi mhuwiex up to standard, tant li mill-ewwel ħarġu diversi tumbati ma wiċċ it-triq u fejn hemm it-tappieri jew qegħdin il-fuq jew qegħdin l-isfel mit-triq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa konxju ta' dan u ser ikun qed ikellem personalment lill-perit inkarigat mix-xogħol.

59.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li xtaq iqajjem is-uġġett tal-iSlow Streets. Dan hekk kif ftit ta' żmien ilu reġa' qamet il-kwistjoni li High Street fil-Ħamrun tingħalaq għat-traffiku. Il-Kunsillier spjega li dan huwa żmien opportun biex il-Kunsill Lokali tal-Marsa jressaq l-proposti tiegħu. Apparti hekk il-Kunsillier saħaq li jekk din it-triq verament tingħalaq, il-Kunsill irid ikun ribattibli mill-ewwel. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa xettiku ferm li High Street fil-Ħamrun tingħalaq, madankollu, huwa jemmen li f'din id-diskussjoni jrid ikun hemm ukoll l-involviment tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Il-Kunsillier Spencer qal li huwa importanti li meta jkun hemm attivita' f'lokalita' tinforma l-Kunsilli ġirien tagħha. Is-Sindku saħaq li fil-fatt il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera diġa' jagħmlu hekk meta ssir il-festa parokkjali tagħhom.

59.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace spjega li kien hemm riħa ta' ħruq ħdejn il-parti ta' fuq tal-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li meta dan jiġri jkun ġeneralment minħabba id-direzzjoni tar-riħ tal-inċineratur. Is-Sindku ssuġġerixxa li meta dan jkun hemm dawn l-irwejjaħ, il-Kunsill dejjem jinforma l-WasteServ u l-ERA. Is-Sindku jixtieq jkun jaf ukoll jekk verament humiex qed jinħarqu xi twiebet fil-faċilita' tal-WasteServ.

59.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li bħalissa t-tekniċi tal-GO qed iwaħħlu l-fiberoptic cables il-ġodda madwar il-lokalita' tal-Marsa, madankollu, l-qodma mhumiex qed jittneħħew. Il-Kunsillier qed jistaqsi jekk il-Kunsill jistgħax jitlob il-GO ineħħi l-cables il-qodma li mhumiex jintużaw. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li l-Kunsill jistgħa jkellem lill-kumpanija GO.

59.4.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk kienx hemm xi updates dwar ir-riġenerazzjoni tal-Menqa tal-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalissa għaddej ħafna xogħol dwar il-pjan lokali l-ġdid fuq iż-żona. Hawnhekk rajna li x-xatt ser ikun qed jitlaq min żona li hija bbażata mill-heavy industry għall-waħda li ser tkun qed taġevola t-turiżmu. Kien hemm diskussjoni fost dawn preżenti. Is-Sindku temm jgħid li jekk jirnexxilna nbiddlu l-pjan lokali għall-Menqa u l-madwar inkunu għamilna rebħa għax kull permess ġdid li jsir irid ikun skond il-pjan lokali l-ġdid.

59.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li huwa importanti li l-Kunsill jerġa jiddiskuti l-proposti tal-manifest elettorali tal-Partit Laburista, li tiegħu għandhu mandat b'saħħtu mill-poplu Marsi. Il-Kunsillier qal li dawk il-proposti li huma fattibli jittresqu għall-attenzjoni tal-Gvern sabiex dawn isiru. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel perfettament ma dan, u temi bħal dawn ser ikunu qed jittressqu matul din l-aħħar sena tal-leġislatura.

59.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar ir-raġuni li għall-attivitajiet qiegħed jitqabbad fotografu professjonali meta dawn ir-ritratti ma jitilgħux fil-facebook page tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li għalhekk huwa dejjem saħaq anke f'laqgħat preċendenti dwar il-bżonn li jkun hemm xi ħadd professjonali fil-marketing u li jieħu ħsieb is-sit uffiċjali tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-uniku ritratti li ma ttellawx kienu biss tal-għeluq tal-Belt Kulturali. Kull attivita' tal-Belt Kulturali bilfors kellu jkollu fotografu minħabba r-rapport finali.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono daħal fis-seduta fil-19.45.

## *59.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

59.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 04/2023 annessa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer aċċenna dwar il-bżonn li titpoġġa credit note fuq skeda fejn hemm l-invoices. Is-Segretarju spjega li ser jieħu parir dwar dan mill-accountant tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *59.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

58.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm korrispondenza waħda mill-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' iżda li hija maqsuma f'diversi partijiet. L-għaqda qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun hemm fire engine stand-by fil-post waqt in-nar tal-festa. Is-Sindku spjega li din l-għajnuna saret tingħata kull sena. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unananimu.

58.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' staqsiet il-Kunsill jekk hux interessar jirreklama fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa li jiswa €200. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob sabiex ma jinħarġux permessi għall-gabbani u bejgħ ieħor fil-pjazza ta' ħdejn ilk-Knisja sabiex jitgawda aktar l-armar. Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux ser iżid gabbani ġodda mma kollox jibqa bħal dak li ġara s-sena l-oħra, jiġifieri li jkun hemm il-gabbana tal-qubbajt, tal-ġuggarelli u l-gabbana tal-iekl li tiġi fi Triq is-Salib tal-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

58.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' talbu biex il-Kunsill jiddikjara Triq Balbi bħala żona pedonali fuq il-Gazzetta tal-Gvern mit-Tlieta 30 ta' Mejju mis-2.00pm sa nofs il-lejl u mill-Ħamis 1 ta' Ġunju f'nofsinhar sat-Tnejn 5 ta' Ġunju f'nofsinhar. Huma qed jitolbu ukoll li Triq is-Salib, it-Telgħa ta' Triq is-Salib ukoll jiġu żoni pedonali mill-Ħamis 1 ta' Ġunju sall-Tnejn 5 ta'Ġunju f'nofsinhar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur li jsir hekk kien unanimu.

58.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob li bejn il-1 ta' Ġunju u l-4 ta' Ġunju ma jsirxipparkjar fl-akwata tal-Knisja. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa jemmen li għandhu jsir bħal snin ta' qabel u li f'ċerti ħinijiet it-triq xorta tkun aċċessibli speċjalment għar-residenti. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *59.7 Update dwar il-post ta' Dog's Park fil-lokalita';*

59.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara li kien hemm diskussjoni aktar kmieni mall-Perit, huwa ċar li l-Kunsill jixtieq li jsir Dog's Park taħt il-Kunsill kif kien il-ħsieb fil-bidu. F'dan il-park jkun hemm passaġġi, iżda għalissa ma jsirux ġugarelli tal-klieb minħabba żieda sostanzjali fil-prezz ta' dan it-tip t'appart. Il-ġugarelli tal-klieb ser ikunu qed jiżdiedu iktar il-quddiem meta l-proġett ikun tlesta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fuq asspett amministrattiv il-Kunsill jista' jagħmel kuntatt mall-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-proġett isir bil-fondi tad-Development Funds u dawk tal-LESA jintużaw fi proġetti oħra. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *59.8 Update – Day Care Centre għall-Anzjani;*

59.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kampjuni sabiex il-Kunsill jagħżel il-kulur tal-wiċċ tal-kċina l-ġdida, il-kulur tal-injam u l-kulur tas-sufanijiet. Is-Sindku qal li peress li l-kampjuni huma ħafna l-aħjar huwa li l-perit jiġġwida l-Kunsill u jintbgħatu numru konċiż ta' kampjuni permezz t'email lill-Kunsilliera u wara dan il-proċess ssir l-għażla kif mixtieq. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unananimu.

## *59.9 Attivita' għall-Familji u l-Anzjani – Boat Trip;*

59.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li għas-sajf jixtieq jorganizza ġita bid-dgħajsa bħalma sar is-sena l-oħra. Huwa xtaq li din id-darba jkun hemm ġita' lejn il-ġzira ta' Kemmuna jew Għadwex. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li għall-familji u anke għall-anzjani Għawdex ikun ferm aħjar milli ġita' f'Kemmuna. Kien hemm qbil ukoll li din il-ġita ma ssirx kompletament bla ħlas iżda tkun issussidjata. Għaldaqstant, is-Sindku qal li l-Kunsill ser inkun qed jaħdem biex issir ġita lejn Għawdex matul ix-xahar ta' Lulju. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

59.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.20pm u ġiet aġġornata għas-16 ta' Mejju fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv